# Is-Sillabu tat-Tieni Sena tas-Sekondarja

# (fil-qosor u aġġornat)

# Ippubblikat fl-2014

***Is-Sillabu Uffiċjali:*** http://curriculum.gov.mt/en/Curriculum/Form-2/Pages/default.aspx

| **It-Taqsima/il-Ħila** | **Il-Kontenut** |
|---|---|
| **It-Taħdit / il-Proġett** | L-istudenti huma mħeġġa biex jagħmlu riċerka u preżentazzjoni fuq:<br>1. Il-Ħrejjef Maltin<br>2. Nies Maltin u Għawdxin Magħrufa<br>(Għal aktar tagħrif, ara ċ-ċirkulari DCM133/2014: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/11/Tahdit_Frm_2.pdf) |
| **Is-Smigħ mill-Qari** | L-għalliema jistgħu jużaw testi qosra minn reġistri varji li jistgħu jkunu rapport f'gazzetta, ittri, paragrafi b'sens sħiħ, poeżiji, poeżiji fil-forma ta' proża, riklami, djalogi, ħrejjef qosra ħafna u oħrajn. Għal aktar tagħrif fuq it-tfassil tat-testi għas-smigħ, ara ċ-ċirkulari CMeLD 111/2013: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_2.pdf) |
| **Il-Grammatika** | • L-Għadd tan-Nom<br>• Il-Possessiv, l-Istat Kostrutt u t-'t' Marbuta<br>• Il-Pronomi<br>• L-Għerq u l-Mamma bil-Verb Semitiku<br>• Verbi, Nomi Verbali u Partiċipji Passivi mhux Semitiċi Maltin<br>• Il-Verb Semitiku Ewlieni, Imnissel, Irregolari, Rumanz/Ingliż u Kompost<br>• Is-Sura, l-Użu u l-Post tal-Aġġettiv<br>• Il-Ġens, l-Għadd u l-Gradi tal-Aġġettivi |

| It-Taqsima/il-Ħila | Il-Kontenut |
|---|---|
| **Il-Kitba ta' Komponiment** | Għan-numru ta' kliem li mistennija jiktbu l-istudenti skont il-livelli ara ċ-ċirkulari CMeLD 111/2013: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_2.pdf).<br><br>Il-ġeneri ta' kitba huma:<br>• Kitba dwar professjonista/bijografija.<br>• Deskrizzjoni ta' persuna mill-aspett fiżiku, ta' personalità, professjonali, bijografiku, tqabbil ma' persuni differenti.<br>• Deskrizzjoni ta' festa/ċerimonja.<br>• Deskrizzjoni ta' post, ambjent, pajjiż, sitwazzjoni, festa u ċerimonja.<br>• Tqabbil bejn ambjenti differenti.<br>• Komponiment argumentattiv. |
| **Il-Kitba Funzjonali** | Għan-numru ta' kliem li mistennija jiktbu l-istudenti skont il-livelli ara ċ-ċirkulari CMeLD 111/2013: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_2.pdf).<br><br>Il-ġeneri ta' kitba huma:<br>• Kitba awtobijografika<br>• Kitba bijografika<br>• Istruzzjonijiet<br>• Direzzjonijiet<br>• Ittra formali u informali<br>• Ittra elettronika<br>• Rapport<br>• Deskrizzjoni ta' persuna jew karattru<br>• Deskrizzjoni ta' post, ambjent u pajjiż<br>• Deskrizzjoni ta' festa jew ċerimonja |
| **Il-Fehim it-Test** | Testi għall-fehim il-qari minn reġistri varji (kemm fittizji kif ukoll fattwali. Għat-tul u n-natura tat-test u l-mistoqsijiet, ara l-linji gwida għall-eżamijiet : http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2013/04/gwidaezamijiet.pdf) |
| **Il-Poeżija** | Mill-Antoloġija ***Nadriet 2*** isiru dawn il-poeżiji obbligatorji: |

| It-Taqsima/il-Ħila | Il-Kontenut |
|---|---|
| | • *Ġejja x-Xita*, M. Meilaq<br>• *Ballata*, R. Briffa<br>• *Id-Dwejra*, J. Friggieri<br>• *Gelmus*, Ġ. Zammit<br>• *It-Tokki tal-Paternoster*, A. Mizzi<br>• *Wied Qirda*, Dun Karm<br>• *Il-Barri*, Ġ. Pisani<br>• *Il-Ħajku*, A. Buttigieg<br>• *Fil-Menqa*, Ġ. Peresso<br>• *Marsaxlokk*, C. Flores<br><br>L-għalliema huma mistiedna li jużaw fil-klassi l-filmati li jinterpretaw b'mod ħaj u viżiv għadd ta' poeżiji tas-sillabu. Dawn jistgħu jitniżżlu mis-sit: http://malti.skola.edu.mt/sekondarja/tnejnsek/tnejnsek-rizorsi/#.VFygomcQc1J. |
| **Il-Proża:**<br><br>**Ir-Rumanz** | ***Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta*** ta' Trevor Żahra. |
| **In-Novelli** | ***Arja Friska 2 – Ġabra ta' stejjer:***<br><br>• *Ħbub tad-Deheb* ta' Trevor Żahra<br>• *Saver Iridha ta' Mosè* ta' Oliver Friggieri<br>• *L-Emigrant ta'* Lawrence Mizzi<br>• *Wegħda mal-Erwieħ* ta' Lino Psaila<br><br>L-għalliema huma mħeġġa biex iħajru lill-istudenti jaqraw novelli oħra minn din l-antoloġija kemm id-dar kif ukoll fil-klassi u dawn jistgħu jiġu diskussi skont kif issuġġerit fiċ-ċirkulari CMeLD 292/2013: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2013/10/cmeld292.pdf) |
| **Il-Qwiel** | Għażla ta' qwiel biex isiru fil-klassi f'kuntesti ta' taħdit u kitba. Uħud minn dawn jistgħu jintużaw għal skop t'assessjar fl-eżamijiet summattivi. M'għandhomx jingħataw fil-forma ta' lista biex l-istudenti jitgħallmuha bl- |

| It-Taqsima/il-Ħila | Il-Kontenut |
| --- | --- |
| | amment. Il-qwiel huma:<br>• Il-fsied iħassar l-ulied.<br>• Bogħod mill-għajn, bogħod mill-qalb.<br>• Il-ħuta minn rasha tinten.<br>• Dak li tiżra' taħsad.<br>• Iż-żejjed ħu n-nieqes.<br>• Il-qattusa għaġġelija frieħ għomja tagħmel.<br>• Għall-magħmul m'hemmx kunsill.<br>• Kelb li jinbaħ ma jigdimx.<br>• Ix-xogħol salmura tal-ġisem.<br>• Ebda warda bla xewka.<br>• Skont id-daqqa niżfnu.<br>• Tgħoddx il-flieles qabel ifaqqsu.<br>• Għal kull għadma hawn mitt kelb.<br>• Il-kliem iqanqal u l-eżempju jkaxkar.<br>• L-ikbar trux min ma jridx jisma'. |
| **L-Idjomi** | Għażla libera ta' idjomi minn kuntesti/reġistri varji u li jintużaw fit-taħdit ta' kuljum. L-għalliema għandhom jaraw li jidentifikaw idjomi ħajjin u li jistgħu jintużaw mill-istudenti kemm fit-taħdit kif ukoll fil-kitba tagħhom. (Ara ċ-ċirkolari – CMeLD 219/2013 http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2013/06/cmeld219_qwielidjomi.pdf) |
| **L-Eżamijiet Annwali** | Bħala linji gwida għat-tifsila u t-tqassim tal-karti tal-eżamijiet annwali tista' tara ċ-ċirkulari maħruġa fl-10 t'April 2013 bir-referenza CMeLD 111/2013: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_2.pdf. |